# QORTI KOSTITUZZJONALI

**Imħallfin**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**
**Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo**
**Onor. Imħallef Anthony Ellul**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 38**

**Rikors numru 17/2019/1 JVC**

**Louise Sciortino u Mary Josephine Vella**
***v.***
**Avukat tal-Istat u Awtorità tal-Artijiet**

1. Dan huwa appell tal-Awtorità tal-Artijiet u appell inċidentali tal-atturi minn sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li, wara li ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju, sabet illi seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-atturi mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"], iżda mhux ukoll taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-awturi tal-atturi kellhom immobbli fl-Isla li fil-11 ta' April 1964 kienu ttieħdu mill-gvern b'titolu ta' dominju pubbliku u għalhekk bdew jirċievu l-ħlas tal-kera ta' għarfien. L-atturi sussegwentement wirtu xi ishma – li l-atturi jgħidu li kienu tnejn minn ħamsa ($^{2}/_{5}$) iżda l-ewwel qorti sabet li kienu tnejn minn sitta ($^{2}/_{6}$) – tal-proprjetà u bdew jirċievu sehemhom mill-kera ta' għarfien. Il-kera ta' għarfien għall-intier tal-proprjetajiet kien, b'kollox, ta' mija u disgħa u tmenin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€189.41) fis-sena.

3. B'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-5 ta' Jannar 2012, pubblikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2012, ġie dikjarat li d-drittijiet residwali tal-atturi fuq il-proprjetà kienu meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku, u illi l-akkwist kien sejjer isir b'xiri assolut. B'ittra tal-25 ta' Jannar 2012 il-Kummissarji tal-Artijiet għarraf lill-atturi illi l-kumpens għall-akkwist, maħdum b'rata ta' kapitalizzazzjoni ta' wieħed punt deċimali erbgħa fil-mija (1.4%) kif kien irid dak iż-żmien l-art. 22(11)[1] tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi ["Kap. 88"], kien, b'kollox, tlittax-il elf, ħames mija u għaxar euro (€13,510).

4. L-atturi huma tal-fehma illi b'hekk inkisru d-drittijiet tagħhom, partikolarment:

> »(a) bil-fatt illi kwalunkwe kumpens illi seta' kien dovut lill-esponenti kien iffissat b'liġi u mhux suxxettibbli għal kontestazzjoni ġew leżi l-jeddijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq u dana bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

---

[1] **22.** (11) Il-kumpens dovut għall-akkwist b'xiri assolut ta' xi art, u s-somma li għandha tiġi ddepożitata skont dan l-artikolu għandha tkun:

… … …

(ċ) fil-kaz ta' bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut somma li tasal għaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wieħed punt erbgħa fil-mija tal-kera ta' għarfien fis-sena li tkun dovuta taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u d-dritt tal-esponenti għal godiment tal-proprjetà tagħhom bi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni …;

»(b) bil-fatt illi l-esponenti ġie mċaħħad lilhom kwalunkwe aċċess għal awtorità ġudikanti indipendenti u imparzjali bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni …;

»(ċ) bil-fatt illi l-esponenti fil-kwalità tagħhom ta' komproprjetarji ġew assoġġettati għal dewmien eżaġerat mingħajr ma l-esponenti ngħataw kumpens ġew leżi l-jeddijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tagħhom u dana bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni … u d-dritt tal-esponenti għal godiment tal-proprjetà tagħhom bi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni …;

»(d) bil-fatt illi l-kera ta' għarfien mogħti lill-esponenti u l-kumpens offrut lilhom huma baxxi u irriżorji għall-aħħar tenut kont, fost l-oħrajn, il-proprjetà esproprjata u l-pożizzjoni tagħha ġew leżi l-jeddijiet fundamentali tal-esponenti sanċiti permezz ta' artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni …«

5. Għalhekk talbu illi l-qorti:

»(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll … u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni …;

»(ii) fit-tieni lok, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni … inkluż billi tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni sofferti mill-esponenti u/jew kumpens dovut lill-esponenti minħabba tali vjolazzjonijiet.«

6. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. *In linea* preliminari, l-intimat Avukat Ġenerali [*recte*, Avukat tal-Istat] m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni ġuridika tal-gvern f'kawżi ġudizzjarji hija vestita fil-kap tad-dipartiment konċernat. Fil-każ odjern hija l-Awtortia tal-Artijiet li hija responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-artijiet mertu tal-kwistjonijiet u f'din il-qagħda l-esponent m'għandu l-ebda tagħarif dwar il-mod kif ġew esproprjati l-proprjetajiet in kwistjoni. Għalhekk l-Avukat Ġenerali ġie interpellat inutilment u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

»2. *In linea* preliminari wkoll, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu li fuqu qed jibbażaw l-azzjoni odjerna.

»3. L-esponenti jeċċepixxu li dak kollu li jitwettaq skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi huwa salvagwardjat bl-

artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies li tmur kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

»4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, *dato ma non concesso* li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fil-fatt japplika, xorta waħda ma hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-espro-prjazzjoni in kwistjoni saret perfettament skond il-liġi, għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku *oltre* l-fatt li l-istess rikorrenti tħallsu kumpens xieraq kif rikjest mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Huwa aċċettat kemm mill-ġurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-liġijiet li jagħtu setgħa lill-istat li jesproprja proprjetà ta' individwi huma rikonoxxuti bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' żvillup soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettività.

»5. Ir-rikorrenti qed isostnu li l-jedd tagħhom għal smigħ xieraq ġie miksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex bil-kalkolu matematiku predeterminat mil-liġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens, gew miċħuda aċċess għal qorti u li fi kwalunkwe kaz il-kumpens huwa baxx.

»F'dan il-kuntest tajjeb li jiġi sottolineat l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-jedd ta' smigħ xieraq jiġi miksur biss fil-każijiet li ġejjin:

»(i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali;

»(ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża;

»(iii) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża;

»(iv) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (*audi alterem partem*) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss; u

»(v) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

»Ma hemmx dubju li fil-każ preżenti, is-sitwazzjonijiet imsemmija fuq ma jiffigurawx.

»6. Mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kif inkiteb, huwa veru li minn evolviment tal-ġurisprudenza min-naħa tal-organi ġudizzjarji fi Strasburgu ġie stabbilit li bħala parti mill-artikolu 6 wieħed għandu jingħatalu wkoll il-jedd ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali; madanakollu dana ma jfissirx u ma jsarrafx fi dritt illi wieħed ma għandux ikunx soġġett għal-liġi sostantiva li tirregola jew tikkontrolla l-prezzijiet u l-kalkoli matematiċi. Dak li qed issostni r-rikorrenti jmur *oltre* mill-protezzjoni mogħtija mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan peress li aċċess għall-qorti għandu jiftehem b'mod litterali fis-sens li individwu għandu dritt li litiġju jiġi determinat minn qorti indipendenti u imparzjali iżda tali protezzjoni mhijiex estiża wkoll għas-sostantiv. … … …

»7. F'dan ir-rigward l-esponenti jirrilevaw li għandu jitqies minn din il-qorti li l-proprjetà mertu tal-kawża ttieħdet fl-1962 u ttieħed id-dritt residwali fl-2012. Billi t-teħid tad-dominju pubbliku kien att istantanju li seħħ fl-1962 u mhux kontinwat, jintlaqat bid-disposizzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 319 u ma jintlaqatx bil-Konvenzjoni. Għalhekk it-teħid tad-domunju pubbliku ma sarx bi ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà.

»8. Ilmenti simili bħal ma qajmu r-rikorrenti ġew deċiżi mill-ġurisprudenza nostrali kif ser jiġi ippruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża.

»9. Ir-rikorrenti qed jinvokaw ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens li ġarrbu dewmien eċċessiv biex jingħataw kumpens xieraq bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dwar dan l-ilment żgur m'għandux iwiegeb l-Avukat Ġenerali ġaladarba kwalunkwe allegat dewmien biex jingħata kumpens fir-rigward tal-esproprjazzjoni tal-proprjetajiet in kwistjoni hija kwistjoni purament amminisitrattiva li tirrigwarda unikament l-Awtorità tal-Artijiet.

»10. Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija ma jirriżulta li hemm l-ebda leżjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, bil-konsegwenza li t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.«

7. L-Awtorità tal-Artijiet ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Preliminarjament ir-rikorrenti jridu jressqu prova tat-titolu tagħhom li a bażi tagħhom qed jibbażaw din l-azzjoni;

»2. … … … kemm-il darba jirriżulta illi r-rikorrenti huma biss uħud mill-kompropretarji tal-proprjetà mertu tal-kawża, din l-azzjoni ma tistax tiġi mmexxija minnhom biss. Sabiex din il-kawża tirnexxi l-komproprjetarji kollha jridu jkunu parteċipi fil-kawża odjerna, u għalhekk fin-nuqqas jeħtieġ li l-bqija tal-komproprjetarji jkunu msejħa fil-kawża. Altrimenti, il-ġudizzju ta' din il-qorti ma jkunx wieħed integru.

»3. Din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi l-għemil kollu magħmul ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) huwa mħares bl-applikazzjoni ta' artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isegwi illi dak kollu magħmul fis-sens ta' din l-Ordinanza ma jistax iwassal għal-lanjanzi kostituzzjonali kif imressqa mir-rikorrenti.

»4. L-espoprijazzjoni saret perfettament skont il-liġi, għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku b'kumpens xieraq kif dettat mil-liġi u kif tassattivament rikjest mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»5. Ir-rikorrenti jiddikjaraw fatti kunfliġġenti fir-rikors promotur tagħhom fis-sens illi l-ewwel jiddikjaraw illi sal-mument tal-esproprju huma dejjem tħallsu kera tal-għarfien u wara jiddikjaraw li soffrew dewmien.

»6. L-atturi qatt ma kkontentestaw it-teħid tal-art bid-dominju pubbliku u r-rikorrenti daħlu fil-ftehim volontarjament. Huma għalhekk akkwijixxew għal dan it-teħid u addirittura mhux biss daħlu f'att pubbliku iżda inoltre aċċettaw l-kera ta' għarfien. Dan ixxejjen kull argument ta' ksur ta' artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»7. Bl-istess mod hekk kif, aktar tard, ittieħdet deċiżjoni li jsir xiri assolut, inħarget dikjarazzjoni presidenzjali u, kif ammess mir-

rikorrenti stess, ġie kalkulat kumpens ai termini tal-artikolu 22(11) tal-Kap.88.

»8. L-ammont tal-kumpens favur ir-rikorrenti mhux talli ġie kkomputat skont il-liġi iżda ġie adirritura depożitat f'kont bankarju kif titlob il-liġi. Kienu r-rikorrenti fost l-oħrajn li rrifjutaw illi jaddivjenu għall-kuntratt finali ta' trasferiment. Ir-rikorrenti wkoll għażlu illi ma jikkontestawx il-valur tal-kumpens quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, kif kien id-dritt tagħhom li jagħmlu. Dan żgur ixejjen kull argument ta' ksur ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»9. Lanqas ma hemm ebda ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea proprju għaliex kif ammess mir-rikorrenti qatt ma kien hemm smigħ. L-artikolu 6 jistpula kif u fejn dan jista' jiġi invokat (u kollha jirrelataw ma' proċeduri ġudizzjarji u mhux ukoll l-allegat nuqqas ta' opportunità ta' intavolar ta' kawża).

»10. F'kull każ ai termini tal-Kap. 88 ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u r-rikorrenti ddeċidew illi ma jużawx tali rimedju. Isegwi għalhekk illi d-deċiżjoni tar-rikorrenti illi ma jeżerċitawx ir-rimedju ordinarju tagħhom quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ixxejjen dak dikjarat mir-rikorrenti li ma kellhomx rimedju legali li permezz tiegħu setgħu jikkontestaw il-valur. Aktar minn hekk juri li qatt ma seta' kien hemm ksur tal-artikolu 6.

»11. Kemm-il darba l-azzjoni qed tattakka l-validità ta' xi liġi, l-Awtorità tal-Artijiet ma hijiex il-leġittimu kontradittur.«

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara li m'huwiex leġittimu kontradittur u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

»2. tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet;

»3. tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-Awtorità tal-Artijiet sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

»4. tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti u tgħaddi sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti suesposti jagħtu lok u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tiċħadha fil-bqija;

»5. tilqa' t-tieni talba u tagħti s-segwenti ordnijiet:

»(i) fir-rigward il-valur ta' xiri assolut għandu jiġi applikat il-valur tal-fondi fis-sena 2012 u għalhekk l-intimata Awtorità tal-Artijiet għandha tiffissa l-kumpens dovut tal-fondi bil-valuri segwenti:

»i. fond bin-numru 131 … valur ta' €180,000;

»ii. fond bin-numru 132 u 133 … valur ta' €395,000;

»iii. fond bin-numru 54 … valur ta' €200,000.

»Il-kumpens tar-rikorrenti għandu jirrifletti l-kwota rispettiva tagħhom li hija dik ta' $^{2}/_{6}$ li tekwivali għall-ammont ta' €258,333 liema ammont għandu jkun pagabbli lir-rikorrenti bin-nofs (½) bejniethom bl-imgħax mill-bidu tas-sena 2013 sal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv. Kwindi d-dikjarazzjoni presidenzjali li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern bin-numru 65 tat-23 ta' Jannar 2012 m'għandux jibqa' jkollha effett fir-rigward il-proprjetà msemmija;

»(ii) tillikwida l-kumpens spettanti lir-rikorrenti bħala danni pekunjarji fl-ammont ta' €65,436 pagabbli lir-rikorrenti li jirrifletti l-kwota ta' $^{2}/_{6}$ bejniethom, pagabbli nofs kull wieħed, u danni non-pekunjari fl-ammont ta' €10,000 pagabbli nofs kull rikorrent, bl-imgħax legali dekorribli fuq dawn l-ammonti mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

»Tikkundanna lill-intimata Awtorità tal-Artijiet sabiex tħallas l-ammonti hawn fuq likwidati lir-rikorrenti bl-imgħax kif ordnat.

»L-ispejjeż jitħallsu interament mill-intimata Awtorità tal-Artijiet.«

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza:

»L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat – m'huwiex legittimu kontradittur; u l-ħdax-il eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet – kemm-il darba l-azzjoni qed tattakka xi liġi m'hijiex il-leġittimu kontradittur:

»L-intimat Avukat tal-Istat preliminarjament jeċċepixxi li m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni ġuridika tal-gvern f'kawzi ġudizzjarji hija vestita fil-kap tad-diparatiment konċernat. Isostni li fil-każ odjern hija l-Awtorità tal-Artijiet li hija responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-artijiet mertu tal-kwistjoni u mhuwiex f'qagħda li jagħti tagħrif dwar kif ġew esproprijati l-fondi.

»Min-naħa tal-intimata Awtorità tal-Artijiet fil-ħdax-il eċċezzjoni eċċepiet li, kemm-il darba l-azzjoni qed tattakka l-validità ta' xi liġi, l-Awtorità tal-Artijiet m'hijiex il-leġittimu kontraddittur.

»Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom isostnu li huma mhumiex biss jattakkaw bħala leziv tad-drittijiet fundamentali tagħhom l-aġir tal-Awtorità tal-Artijiet (*ossia* l-predeċessur tagħha, il-Kummissarju tal-Artijiet) iżda anke l-liġi innifisha jew aħjar l-operat tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ċertament kien hemm ħtieġa li l-Avukat tal-Istat jiġi ċitat.

»A kuntrarju ta' dak li rrilevaw ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, minn ħarsa lejn it-talbiet jirriżulta li l-azzjoni odjerna mhix qed tattakka l-validità *o meno* tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma qed jiġi mitlub dikjarazzjoni li xi liġi fir-rigward tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari li l-Avukat tal-Istat mhux leġittimu kontradittur ser tiġi

akkolta u konsegwentement l-istess intimat ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Mhux l-istess jista' jingħad dwar l-intimata Awtorità tal-Artijiet fejn ir-rikorrenti Louise Sciortino *et* qegħdin prattikament jilmentaw dwar l-operat tagħha fil-kalkolu tal-kumpens dovut lilhom għax-xiri assolut *ai termini* tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta *vis-à-vis* il-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq u għal godiment tal-proprjetà tagħhom. Isegwi li ġaladarba, kif ingħad preċedentament, l-azzjoni m'hijiex qed tattakka l-validità ta' liġi, hija l-Awtorità tal-Artijiet l-enti responsabbli u għalhekk il-leġittima kontradittriċi. Għaldaqstant il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad il-ħdax-il eċċezzjoni.

»It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Awtorità tal-Artijiet – prova tat-titolu tar-rikorrenti:

»Iż-żewġ intimati jeċċepixxu preliminarjament li r-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà li fuqu qed jibbażaw l-azzjoni. … … …

»Ir-rikorrenti ressqu bħala xhud lil George Sciortino – ir-raġel tar-rikorrenti Louise Sciortino … … … Ix-xhud jispjega fid-dettal l-għerq tat-titolu tar-rikorrenti kif isegwi b'dana izda li l-orti qed tagħmel kjarifikazzjonijiet wara li analizzat hi wkoll id-dokumentazzjoni esebit fl-atti:

»1. Il-proprjetà mertu tal-kawża … … … oriġinarjament kienet inxtrat minn Giuseppe Azzopardi permezz ta' bejgħ bil-liċitazzjoni ta' nhar id-19 ta' Novembru 1888. L-imsemmi Giuseppe Azzopardi kien ġie nieqes fil-5 ta' Frar 1897 u kien ħalla bħala werrieta universali tiegħu lil martu Maria Concetta *née* Mallia.

»2. Maria Concetta Azzopardi ġiet nieqsa nhar it-3 ta' Frar 1919 u ħalliet bħala werrieta tagħha bit-testment tat-12 ta' Awwissu 1890 lit-tliet ulied Giuseppe, Guglielmo magħruf bħala William u Carmela aħwa Azzopardi lkoll fi kwoti diversi. Jiġi nutat li Carmela Carabez *née* Azzopardi kienet ġiet nieqsa qabel ommha u minflokha kienu daħlu żewġha Giovanni Carabez u wliedha.

»3. Wara deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Lulju 1926 sar kuntratt ta' diviżjoni … … … fejn il-fondi mertu tal-kawza odjerna kienu għaddew f'idejn l-interdett Guglielmo magħruf bħala William Azzopardi. William Azzopardi ġie nieqes fil-5 ta' Frar 1943 u miet bla testment. Mid-dikjarazzjoni *causa mortis* ippreżentata fis-27 ta' Settembru 1943 jirrizulta li kienu wirtuh Joseph M. Carabez, Emidio Carabez, Pio Carabez, Mary Vella u Stella Hammet.

»Il-qorti tinnota li x-xhud George Sciortino fix-xiehda tiegħu jindika li hemm ħames neputijiet iżda l-qorti tinnota li effettivament fid-dikjarazzjoni *causa mortis* hemm sitt fergħat fl-arblu tar-razza bis-sitt fergħa jkollha l-isem imnizzel ta' Carmelina Cassar (u kliem ieħor li mhuwiex leġġibbli).

»4. Pio Carabez gie nieqes fit-2 ta' Ġunju 1953 u bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel … … … ħalla bħala werrieta tiegħu lin-neputija Frances Vella t-tifla t'oħtu Mary Vella *née* Carabez. Mid-dikjarazzjoni *causa mortis* … … … jirriżulta li Pio Carabez kellu l-kwota ta' $^{1}/_{6}$ mill-fondi mertu tal-kawża odjerna bil-konsegwenza li dan

jikkonferma dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti u *cioè* li effettivament bħala werrieta ta' William Azzopardi kien hemm sitta u mhux ħamsa kif iddikjarat mix-xhud George Sciortino.

»5. Mary Vella *née* Carabez mietet nhar il-11 ta' Marzu 1975 u permezz tat-testment tas-16 ta' Marzu 1962 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela ħalliet b'titolu ta' legat lil bintha xebba Frances Vella l-kwota kollha li hija kienet wirtet mingħand zijuha William Azzopardi. Dan ifisser li Frances Vella kienet wirtet il-kwota ta' $^1/_6$ mill-fondi mertu tal-kawża odjerna mingħand ommha Mary Vella biex b'hekk ġiet li Frances Vella kellha b'kollox il-kwota ta' $^2/_6$ mill-fondi mertu tal-kawża odjerna.

»6. Frances Vella kienet ġiet nieqsa fit-2 ta' Novembru 1998 u kienet irregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha permezz ta' testment tas-6 ta' Awwissu 1995 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin. Fl-imsemmi testment … … … kienet innominat bħala werrieta universali tagħha liż-żewġ neputijiet ir-rikorrenti Louise mart George Sċiortino u Josienne *sive* Mary Josephine mart Philip Vella.

»Għaldaqstant minn dan kollu suespost jirriżulta li r-rikorrenti ressqu provi suffiċjenti tat-titolu tagħhom fuq il-fondi mertu tal-kawża odjerna iżda mhux fil-kwota indikata minnhom fir-rikors promoter *cioè* dik ta' $^2/_5$ iżda fil-kwota ta' $^2/_6$ u dan sal-grad rikjest mill-liġi għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri.

»Il-qorti tinnota wkoll li … … … ġie preżentat *payment voucher* tal-kera ta' għarfien li kien isir mill-Kummissarju tal-Artijiet lil Frances Vella … … … fejn il-kwota hemm indikata hija ta' *$^2/_5$ of $^1/_6$ share* tal-fondi mertu tal-kawża odjerna. Il-qorti ma tistax tasal kif il-Kummissarju tal-Artijiet wasal għal dik il-kwota billi fl-atti m'għandhiex spjegazzjoni ta' dan. Mhux biss, iżda l-kwistjoni tal-kwota lanqas ma ġie kkontestat minn xi ħadd mill-intimati. Mid-dokumenti li gew esebiti fl-atti l-qorti ma tqisx li l-kwota hemm indikata fil-*payment voucher* hija waħda ġusta.

»It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità tal-Artijiet – ġudizzju mhux wieħed integru:

»… … …

»… … … il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni.

»It-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet:

»L-intimat Avukat tal-Istat fit-tielet eċċezzjoni jeċċepixxi li dak kollu li jitwettaq skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubbliċi huwa salvagwardjat bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta … … …

»… … …

»… … … din il-qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

»… … …

»Mertu:

»It-talbiet rikorrenti huma msejsa fuq żewġ binarji u *cioè*:

»i. Ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jitrattaw it-tgawdija tal-possedimenti;

»ii. Ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jitratta nuqqas ta' rimedju xieraq u effettiv.

»Il-qorti għalhekk ser tibda billi titratta wieħed wieħed minn dawn l-allegati ksur.

»Allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

»Fir-rigward l-artikolu 37 … … … mhux applikabbli fil-każ odjern u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk ġaladarba ġiet eskluża l-applikazzjoni tiegħu l-qorti mhux ser tinoltra ruħha *oltre* fl-eżami tiegħu u fl-eżami tal-eċċezzjonijiet relatati miegħu.

»… … …

»… … … huma tlieta r-rekwiziti li għandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bħala permissibbli, billi jiġi analizzat is-segwenti:

»i. jekk il-miżura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

»ii. jekk l-iskop tal-miżura jilħaqx għan leġittimu; u

»iii. jekk il-miżura li tkun ittieħdet żammitx bilanċ proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

»M'hemmx dubju li l-ewwel u t-tieni kweżiti huma sodisfatti billi t-teħid tal-fondi mertu tal-kawża odjerna saru mill-Kummissarju tal-Artijiet in forza ta' liġijiet *in vigore*. Minn eżami tal-fattispeċie tal-każ odjern huwa t-tielet kweżit li ma jirriżultax sodisfatt u jwassal għas-sejbien tal-ksur allegat.

»… … …

»… … … ir-rikorrenti jsostnu li hemm baħar jaqsam bejn il-fatt li wieħed jirċievi kumpens għal kollox irriżorju u l-valur tal-proprjetà. Ir-rikorrenti jsostnu li l-leżjoni tagħhom ilha tissussisti mis-sena 1964 u għadha tissussisti sallum in kwantu la ġie offert lilhom u lanqas irċevew kumpens ġust. Isostnu li l-eżistenza ta' interess pubbliku ma teżonerax lill-Awtorità tal-Artijiet mill-obbligu tagħha li tassigura li fi żmien raġonevoli tħallas kumpens ġust, biex b'hekk jinżamm dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi tas-soċjetà u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti skont l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll. Isostnu li l-prinċipju tal-proporzjonalità huwa inerenti fl-istruttura tal-Konvenzjoni u għalhekk l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet illum l-Awtorità tal-Artijiet għandu jiġi eżaminat billi jiġi kunsidrat leżiv it-teħid tal-proprjetà fis-sena 1964 mingħajr il-ħlas ta' kumpens dovut u wkoll it-teħid tal-proprjetà fis-sena 2012 minkejja t-trapass ta' għexieren ta' snin.

»Da parti tagħha l-intimata Awtorità tal-Artijiet dwar dan issostni li qabel xejn ir-rikorrenti jridu jiddeċiedu jekk ġiex offrut kumpens jew le billi l-verzjoni tagħhom tvarja. Issegwi li l-allegazzjoni li ma sarx ħlas hija inveritiera *stante* li fl-atti ġie pruvat li l-kumpens ġie depożitat f'kont bankarju u ġew esebiti ittri li ntbagħtu mill-Kummissarju tal-Artijiet lir-rikorrenti fejn fihom qiegħed jiġi offrut kumpens. Iżżid li l-

argument li r-rikorrenti ma tħallsux kumpens fi żmien raġonevoli mhuwiex korrett billi kif ġà ngħad il-kumpens ġie depożitat f'kont bankarju.

»… … …

»Fil-każ prezenti jirrizulta li fl-1949 kienet inħarġet dikjarazzjoni mill-Gvernatur fejn ħa l-fondi mertu tal-kawża odjerna b'titolu ta' użu u pussess. Ħmistax-il sena wara l-fondi ma baqgħux jiġu miżmuma b'titolu ta' użu u pussess però t-titolu fuqhom ġie konvertit f'wieħed ta' dominju pubbliku. Segwa li fis-sena 2012 *cioè* tmienja u erbgħin sena wara ħarġet dikjarazzjoni presidenzjali li l-fondi kienu ser jiġu trasferiti b'xiri assolut. F'dan il-perjodu l-fondi kienu ġew demoliti u trasformati fi spazju pubbliku … …. … Mhux dan biss però, kif jirriżulta mill-atti l-kera ta' għarfien li kienet titħallas f'dawn it-tmienja u erbgħin sena kienet waħda rriżorja. *In vista* ta' dan, din il-qorti taqbel li r-rikorrenti sofrew leżjoni tad-drittijiet tagħhom minħabba sproporzjon ċar bejn id-drittijiet tagħhom bħala sidien u l-interess pubbliku manifestat bl-iskop li għalih sar it-teħid. Dan huwa rifless fid-dewmien u fil-kumpens miżeru offrut, li, għalkemm ikkalkulat fit-termini tal-liġi ordinarja, ċertament ma tindirizzax l-iżbilanċ sofrut mir-rikorrenti fid-drittijiet tagħhom. Apparti minn hekk għalkemm huwa minnu li s-sidien preċedenti resqu għall-kuntratti sabiex jitħallsu l-kirjiet dan ma jfissirx li allura kien hemm xi kunsens da parti tagħhom li jitħallsu dawn is-somom miseri *stante* li huwa ċar li l-liġi kif imposta ma kinitx tħallilhom triq oħra.

»Kompetenza *ratione temporis*:

»Din il-kwistjoni tqajjmet mill-intimat Avukat tal-Istat fis-seba' eċċezzjoni tiegħu fejn eċċepixxa li billi t-teħid tad-dominju pubbliku kien att istantanju li seħħ fis-sena 1962 u mhux kontinwat, jintlaqat mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ma jintlaqatx bil-Konvenzjoni; għalhekk it-teħid tad-dominju pubbliku ma sarx bi ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà.

»L-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> »"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it- 30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."

»Kif ġie deċiż fil-kawza <u>Raymond Cassar Torreggiani *et v.* Avukat Ġenerali *et*</u>, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-11 ta' Frar 2015 illi:

> »"l-azzjoni tar-rikorrenti hija msejsa kemm fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni kif ukoll fuq dawk tal-Konvenzjoni. Is-silta li ssemmiet qabel tirreferi biss għad-disposizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni, iżda hawnhekk ukoll in-natura tal-ksur li dwaru tqajjem l-ilment tieħu siwi biex wieħed iqis jekk huwiex il-każ jew le li l-ksur ikun sar qabel dawk id-dati msemmija. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa aċċettatt li fejn il-ksur jibqa' jseħħ jew fejn il-qagħda li ġġib magħha l-ksur tal-jedd fundamentali ma tkunx waħda instantaneja, allura waħda tista' tqis u tistħarreġ il-ksur jekk il-qagħda tibqa' ttul wara. Ta' min jgħid hawnhekk li din il-kwestjoni tqajmet ukoll quddiem il-qorti ta' Strasbourg f'każijiet

> imressqin kontra Malta u dik il-qorti sabet li, ladarba d-dikjarazzjoni magħmula mill-Gvern Malti f'April tal-1987 kienet b'effett retrospettiv, allura l-istħarrig li dik il-qorti tista' tagħmel imur lura għall-1967, jiġifieri meta l-Konvenzjoni kienet ratifikata mill-Parlament Malti … … …"

»Il-Qorti Kostituzzjonali, fid-deċiżjoni finali tagħha mogħtija fid-29 ta' April, 2016 ikkonfermat dak fuq premess:

> »"27. A skans ta' ripetizzjoni, din il-qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti in meritu … . … u tabbraċċjahom bħala tagħha. Huwa pależi illi l-allegata vjolazzjoni tal-jeddijiet tar-rikorrenti għadha għaddejja in kwantu l-effetti kollha emananti mill-kirja ikkreata *ex lege* bl-Att XXIII tal-1979 għadhom eżistenti sal-ġurnata tal-lum, u għalhekk l-aggravju mressaq mill-konjuġi Tabone ma għandu ebda fondament fid-dritt."

»Fil-kawża fl-ismijiet <u>Pawlu Cachia *v.* Avukat Ġenerali *et*</u> deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001 ġie ritenut li:

> »"Għalkemm iż-żewġ dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Ġenerali ħarġu fl-1969 u għalkemm anke dawk li huma l-proċeduri għall-akkwist da parti tal-gvern b'xiri assolut tal-artijiet bdew qabel it-30 ta' April 1987, ir-rikorrent, kemm qabel kif ukoll wara din id-data, kien assoġġettat għal interferenza fit-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu. Tali interferenza *ossia* nuqqas ta' tgawdija paċifiku tal-possedimenti in kwistjoni, għalkemm kienet ir-riżultat ta' att istantanju – id-dikjarazzjonijiet ippublikati u nnotifikati skont l-artikolu 9 tal-Kap. 88 – kienet interferenza ta' natura kontinwa u li għadha teżisti sal-lum."

»Hekk fil-kaz Francis Bezzina Wettinger *et v.* Kummissarju tal-Artijiet ġie ribadit illi:

> »"… … …Aktar riċenti mbagħad, il-Qorti tal-Appell *in re* <u>Julian Aquilina *et v.* Ministeru tal-Ambjent</u> deċiża fit-8 ta' Ġunju 2001 ġie mtenni kif ġej 'Indubbjament minn mindu tii ppubblikata l-ordni tal-esproprju sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur il-gvern, il-proprjeta` tibqa' *stricto jure* f'idejn il-persuna esproprijata … … …
>
> »"*omissis*
>
> »"Dan ifisser li s-sid tal-proprjetà jiġi ezawtorat għal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibbilità materjali tagħha. Disponibbilità materjali li naturalment ma testendix ukoll għad-dritt tat-trasferiment tagħha, naturalment soġġett għall-fattur ġdid tal-esproprju u tal- limitazzjoni li dan neċessarjament jimplika."

»Għalkemm ir-rappreżentant tal-Awtorità tal-Artijiet fix-xiehda tagħha rrimarkat li l-kumpens tar-rikorrenti ġie depożitat f'kont bankarju, effett-ivament fl-atti ma ġie ppreżentat l-ebda kopja ta' *statement* li jikkonferma dan. Dan premess, kif irriżulta r-rikorrenti baqgħu jissubixxu t-teħid forzat tal-proprjetà tagħhom mingħajr korrispettiv xieraq u adegwat żgur sal-2012. Għalhekk il-lezjoni hija waħda kontinwa.

»Fid-dawl ta' dak kollu suespost il-qorti tqis li r-rikorrenti Louise Sciortino *et* qed ibatu leżjoni tad-drittijiet tagħhom kif sanċiti bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

» … … …

»… . … din il-qorti ssib leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu r-rikorrenti u l-ante-kawża tagħhom ma kellhomx dritt ta' aċċess għal qorti sabiex jiksbu kumpens xieraq għat-teħid tal-proprjetà tagħhom.

»Rimedju:

»L-għan tar-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa biex tirreintegra lill-vittmi ta' leżjoni fil-posizzjoni anteċedenti għall-att leżiv. Fil-kaz odjern, tenut kont tal-marġini wiesa' tal-apprezzament tal-istat fid-determinazzjoni tal-iskop u interess ġenerali, il-qorti ta' bilfors trid taċċetta li dan l-iskop kien wieħed leġittimu billi kien fl-interess ġenerali, għalkemm il-mod kif ġie implementat u l-mod ta' kontestazzjoni tal-kumpens ma kienx. Għalhekk fil-fehma tal-qorti sabiex tindirizza l-leżjoni b'mod effikaċi tqis li dan għandu jiġi kkunsidrat ġgust billi tordna li l-valur tal-fondi li ttieħdu b'xiri assolut għandu jkun versu prezz li ser jiġi hawn taħt likwidat.

»Kumpens għax-xiri assolut:

»Huwa assodat li l-kumpens imħallas għandu jirrifletti l-valur tal-proprjetà fil-mument tal-esproprju. Billi l-esproprju sar fis-sena 2012 il-qorti ser tieħu s-sena tal-2012 bħala d-data *ai fini* tal-valur imsemmi. Il-qorti għalhekk tagħmel referenza għar-rapport tal-perit … … … Mill-atti jirriżulta li ħadd mill-partijiet ma talab in-nomina ta' periti perizjuri u għalhekk il-qorti tħossha konfortata li taddotta l-konklużjonijiet tal-istess perit tekniku.

»Dwar il-valur ta' xiri assolut il-qorti tqis li jkun ġust li jiġi applikat il-valur tal-fondi fis-sena 2012 għaliex huwa dakinhar li kellu jsir il-kuntratt ta' xiri effettiv u għalhekk l-intimata Awtorità tal-Artijiet għandha tiffissa l-kumpens dovut tal-fondi bil-valuri segwenti:

»i. fond bin-numru 131 … valur ta' €180,000;

»ii. fond bin-numru 132 u 133 … valur ta' €395,000;

»iii. fond bin-numru 54 … valur ta' €200,000.

»Il-kumpens tar-rikorrenti għandu jirrifletti l-kwota rispettiva pruvata fl-atti tar-rikorrenti u *cioè* dik ta' $^{2}/_{6}$ li tekwivali għall-ammont ta' €258,333. Il-qorti ser tordna wkoll il-ħlas ta' mgħax ta' 8% mis-sena 2012 sad-data li effettivament isir ix-xiri bil-valur kif ordnat minn din il-qorti.

»Kumpens għall-leżjoni – danni pekunjarji u danni non-pekunjarji:

»… … …

»Għalkemm ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jindikaw li bħala waħda mir-rimedji ordinarji għandu jkun hemm l-għoti ta' danni pekunjarji, ma jindikawx x'inhi t-talba tagħhom. Il-qorti tqis li bħala snin bażi għandha tieħu s-sena 1987 u *cioè* meta daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni sas-sena 2012 u *cioè* s-sena li fiha din il-qorti qed tiffissa l-valur tal-proprjetà kif ġà suespost, total ta' 25 sena. Għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti wirtu l-proprjetà in kwistjoni fis-sena 1998, għas-snin ta' qabel għandu jitqies li bħala eredi daħlu fiż-żarbun tal-*aventi*

*causa* [*recte*, tal-awturi] tagħhom b'tali mod li xorta waħda għandhom jedd għall-kumpens għas-snin preċedenti.

»… … … Din il-qorti … … … ser tapplika d-diskrezzjoni tagħha u tis-tabbilixxi l-perċentwal għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond għall-fini tal-komputazzjoni tat-telf pekunjarju anki tenut kont tal-fatt li l-fondi mhux neċessarjament kienu ser jinkrew u wkoll tenut kont tal-fatt li lura meta l-proprjetà ttieħdet mill-pussess tal-*aventi causa* [*recte*, tal-awturi] tar-rikorrenti din il-proprjetà kienet waqgħet riżultat tal-gwerra u għalhekk riedu jsiru spejjeż mhux żgħar sabiex din terġa' tinbena. Il-qorti rat iżda li fl-atti ma ġiex fornut lilha valur tal-proprjetà u l-valur lokatizju għal qabel is-sena 2012. Il-qorti ser tgħaddi għalhekk sabiex *abritrio boni viri ai fini* biss ta' kalkolu tal-kumpens tnaqqas il-valur *arbitrio boni viri* għal terz applikabbli mis-sena 1987 sas-sena 1996, nofs applikabbli mis-sena 1997 sas-sena 2006, żewġ terzi mis-sena 2007 sas-sena 2011 u tieħu l-valur sħiħ għas-sena 2012. Il-qorti ser taħdem dirett fuq il-valur ta' sehem ir-rikorrenti *cioè* $^{2}/_{6}$ kif isegwi:

»i. $^{1}/_{3}$ ta' €258,333 = €86,111 × 2% = €1,722 × 10 snin = €17,220;

»ii. ½ ta' €258,333 = €129,166.5 × 2% = €2,583 × 10 snin = €25,830;

»iii. ⅔ ta' €258,333 = €172,222 × 2% = €3,444 × 10 snin = €17,220;

»iv. €258,333 × 2% = €5,166.

»Total ta' €65,436.

»Għalhekk il-kumpens pekunjarju lir-rikorrenti fis-sehem tagħhom huwa dak ta' €65,436.

»Kumpens non-pekunjarju:

»… … …

»Ikkunsidrat li l-qorti sabet leżjoni tad-dritt għat-tgawdija tal-beni kif ukoll tad-dritt għal aċċess għal rimedju effettiv u dan għal numru twil ta' snin, din il-qorti tillikwida l-ammont tal-kumpens non-pekunjarju dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) pagabbli bin-nofs kull wieħed minnhom.«

10. L-Awtorità tal-Artijiet appellat b'rikors tad-19 ta' Ottubru 2022 li għalih wieġbu l-Avukat tal-Istat fit-2 ta' Novembru 2022 u l-atturi, b'appell inċidentali, ukoll fit-2 ta' Novembru 2022. L-Avukat tal-Istat wieġeb għall-appell inċidentali tal-atturi fis-16 ta' Novembru 2022. L-Awtorità tal-Artijiet ma weġbitx għall-appell inċidentali.

11. L-ewwel aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet jolqot il-ħelsien tal-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju u ġie mfisser hekk:

»L-Ewwel Aggravju: L-ewwel qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat rigward il-leġittimu kontradittur u ċaħdet il-ħdax-il eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet

»In suċċint l-ewwel qortissostniet li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda s-segwenti:

> »"Ir-rikorrenti jelenkaw l-allegati ksur bħala (i) bil-fatt li l-kumpens kien iffissat b'liġi u mhux suxxettibbli ghal kontest-azzjoni, (ii) bil-fatt li ġew imċaħħda minn kwalunkwe aċċess għal awtorità ġudikanti indipendenti u imparzjali, (iii) bil-fatt li bħala komproprjetarji ġew assoġġettati għal dewmien eżaġerat mingħajr ma ngħataw kumpens, u (iv) bil-fatt li l-kera ta' għarfien mogħtija lilhom u l-kumpens offrut lilhom huma baxxi u rriżorji għall-aħħar tenut kont fost oħrajn il-posizzjoni tal-proprjetà esproprjata."

»Għalhekk jirriżulta b'mod ampjament ċar illi wħud mill-ilmenti tar-rikorrenti jirrigwardaw:

> »a. il-kumpens iffisat bil-liġi u li ma kienx suxxetibbli għal kontestazzjoni; u
>
> »il-kera ta' għarfien kienet baxxa wisq u irriżorja.

»Kien għalhekk li l-awtorità appellanta eċċepiet li fil-konfront ta' dawn l-ilmenti hija mhijiex il-leġittimu kontradittur u dan *stante* li l-awtorità ma tippromulgax liġijiet hija iżda bħal kull ħaddieħor trid tottempra ruħha mal-liġi. Tant hu hekk li r-rikorrenti stess (kif filfatt stqarret ukoll l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha) sostnew fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li s-sejħa tal-Avukat tal-Istat fil-proċeduri kienet essenzjali u dan *stante* li huma mhumiex biss jattakaw bħala leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom l-aġir tal-Awtorità tal-Artijiet iżda anke l-liġi nnifisha jew aħjar l-operat tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ċertament kien hemm ħtieġa li l-Avukat tal-Istat jiġi ċitat.

»Minkejja dan, l-ewwel qorti sostniet li *stante* li r-rikorrenti fit-talbiet tagħhom ma attakkawx l-validità *o meno* tal-artikolu 22(11) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni preliminari li l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur kellha tiġi akkolta u dan ġie meħius mill-osservanza tal-ġudizzju. Tant illi l-qorti ddikjarat:

> »"Isegwi li ġaladarba, kif ingħad preċedentament, l-azzjoni m'hijiex qed tattakka l-validità ta' liġi, hija l-Awtorità tal-Artijiet l-enti responsabbli u għalhekk il-leġittima kontradittriċi. Għaldaqstant il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad il-ħdax-il eċċezzjoni"

»L-awtorità appellanta temmen li dan ir-raġunament huwa żbaijat u dan għas-segwenti raġunijiet:

»Jibda biex jingħad li l-Awtorità tal-Artijiet ma tfassalx liġijiet hija iżda bħal kull ħaddiehor trid timxi mal-liġi. Għaldaqstant, meta l-awtorità ġiet sabiex tistabbilixxi l-kumpens hija kellha bilfors tħares lejn dak li tistipola l-liġi. Huwa evidenti li l-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 jistipola kif għandu jinħadem dan il-kumpens u għalhekk l-Awtorità tal-Artijiet ma kellha l-ebda diskrezzjoni fir-rigward ta' *quantum* ta' kumpens. Li kieku l-awtorità kellha tagħti l-kumpens li talbu r-rikorrenti kienet tkun qiegħda tikser il-liġi billi tkun qiegħda taġixxi *ultra vires* u tiddiskrimina ma' proprjetarji oħra li kienu fl-istess sitwazzjoni.

»Jingħad ukoll li minkejja li l-qorti ma ddikjaratx li l-artikolu 22(11) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv għad-drittijiet fondamentali xorta waħda meta l-ewwel qorti ġiet sabiex tillikwida l-kumpens ma rriferitx għal dan l-artikolu, ħaġa li l-Awtorità tal-Artijiet ma setgħetx tagħmel. L-Awtorità tal-Artijiet *a contrario* ta' dak li għamlet l-ewwel qorti ma setgħet qatt tiddetermina kumpens kif ridet hija jew kif xtaqu s-sidien, ma setgħetx tagħmel bħall-ewwel qorti u tillikwida l-kumpens "xieraq" tal-proprjetajiet in kwistjoni, kienet marbuta timxi mal-liġi. Il-liġi dak iż-żmien kienet tagħti formola speċifika ta' kif jinħadem il-kumpens u l-awtorità mxiet ma' dak stipolat mill-liġi. Jekk il-mod kif il-liġi kienet tistabbilixxi l-kumpens kien baxx wisq, l-awtorità ma kellha l-ebda diskrezzjoni sabiex tirrimedja dan u għalhekk ma setgħet qatt taħti hija ta' dan.

»In sosten ma' dan jiġi sollevat li fl-istess waqt li l-ewwel qorti ma ddikjaratx l-artikolu tal-liġi anti-kostituzzjonali xorta waħda ssospendiet l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u tat kumpens li l-qorti ħasset li kien xieraq. Dan ifisser allura li effetivament il-qorti kienet qed tissospendi dik il-liġi biex tagħti rimedju ieħor u għalhekk effettivament il-qorti kellha tiddikjara l-liġi anti-kostituzzjonali, ħaġa li xorta waħda l-awtorità esponenti ma għandha l-ebda responsabbiltà tagħha.

»Fil-każ in eżami u skont ir-ragunament tal-ewwel qorti, l-Awtorità tal-Artijiet ġiet ikkastigata *stante* li t-talba tar-rikorrenti ma kinitx fformata tajjeb. Filfatt il-qorti stess sostniet li *stante* li ma kienx hemm talba għal dikjarazzjoni ta' anti-kostituzzjonalità tal-artikolu tal-liġi mela ma setgħetx issib l-Avukat tal-Istat responsabbli u għalhekk kellha tinżamm responsabbli ta' dan l-Awtorità tal-Artijiet. Bl-istess raġunament allura, li kieku r-rikorrenti għamlu talba ta' anti-kostituzzjonalità tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 kien iġorr ir-responsabbiltà l-Avukat tal-Istat iżda l-fatt li din it-talba kienet nieqsa mela kellha ġġor ir-responsabbiltà l-Awtorità tal-Artijiet (fuq xi ħaġa li l-awtorità ma għandha l-ebda kontroll fuqha). Dan ifisser allura li "żball" fit-talbiet attriċi wassal sabiex taħti kollox l-awtorità appellanta inkluż fuq binarji li l-awtorità m'għandha l-ebda diskrezzjoni fuqhom.

»*Inoltre* u punt ieħor importanti huwa li kien ikun inutili li r-rikorrenti jitolbu li l-artikolu 22(11) tal-Kapitolu 88 jiġi ddikjarat anti-kostituzz-jonali u dan *stante* l-fatt li dan l-artikolu li jagħmel parti mill-Kapitolu 88 illum huwa abbrogat.

»… … …

»Ta' min jirrimarka li fis-sentenza tagħha l-qorti qablet mar-rikorrenti fil-konfront tal-kumpens baxx minħabba l-liġi u fil-fatt ordnat li jitħallsu danni pekunjarji u non pekunjarji però dawn ġew ordnati biex jitħallsu miż-żewġ intimati u *cioè* l-awtorità u l-Avukat tal-Istat minkejja li ma kienx hemm talba sabiex il-liġi tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali.

»*In vista* ta' dan kollu l-awtorità appellanti tissottometti li hija tista' twieġeb biss għall-aġir tagħha u ma tistax twieġeb għall-operat tal-liġi li ma jaqax taht il-kompitu tagħha. Jiġi sottomess ukoll l-fatt li jkun ferm inġust jekk l-awtorità tiġi kkastigata talli mxiet skont u *ai termini* tal-liġi.«

12. Talbet għalhekk illi din il-qorti, wara li tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Avukat tal-Istat, tgħaddi biex "tiddikjara li l-Avukat tal-Istat huwa respons-abbli għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti minħabba l-appli-abilità tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tordna lill-istess Avukat tal-Istat jerfa' responsabilità għall-ħlas ta' danni, kumpens u spejjeż tal-kawża".

13. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

> »Fl-ewwel aggravju tal-appell l-intimata awtorità qiegħda tilmenta mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari li qajjem l-appellat Avukat tal-Istat li hu mhux il-leġittimu kuntradittur fil-kawża odjerna. F'dan l-aggravju l-intimata awtorità trid li anke l-Avukat tal-Istat ikun dikjarat responsabbli tal-ksur u jħallas l-ammont likwidat.
>
> »Ibda biex l-appellat jissottometti li l-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-mansjoni ġuridika tal-gvern f'kawżi ġudizzjarji hija vestita fil-kap tad-dipartiment konċernat. Dik hija r-regola. L-Avukat tal-Istat jidħol biss biex jirrappreżenta lill-gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern. Ġie aċċettat ġeneralment li, f'kawżi ġudizzarji fejn tiġi speċifikatament attakkata liġi bħala anti-kostituzzjonali, il-leġittimu kontradditur f'dik il-kawża għandu jkun l-Avukat tal-Istat bħala rappreżentant ewlieni tal-leġislatur.
>
> »Fir-rikors tal-appell l-argument tal-awtorità hu li ġaladarba r-rikorrenti lmentaw mill-kumpens li ġie offrut lilhom mill-awtorità liema kumpens kien iffisat bil-liġi mela allura kienet żbaljata l-ewwel qorti meta laqgħat l-eċċezzjoni preliminari u illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju l-intimat Avukat tal-Istat.
>
> »… … …
>
> »Jidher mhux kontestat li l-pern u l-mertu kollu ta' din il-kawża jir-rigwarda esproprjazzjoni ta' artijiet. Fil-każ odjern ir-rikorrenti m'huma qed jattakkaw l-ebda liġi imma biss il-mod kif saret l-esproprjazzjoni mertu tal-kawża u l-kumpens baxx li ġie offrut mill-awtorità, li wara kollox il-funzjoni ewlenija tagħha hija li tirregola proprju l-artijiet tal-istat/gvern u għalhekk l-esponent jissottometti li d-dipartiment tal-gvem li huwa faċilment identifikabbli f'każijiet ta' esproprjazzjoni huwa unikament l-Awtorità tal-Artijiet.
>
> »… … …
>
> »Il-fatt li l-ewwel qorti sabet ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti ma jfissirx li l-istat huwa eżenti mir-responsabilità, u dan għaliex l-

awtorità xorta taqa' taħt l-isfera tas-settur pubbliku tal-istat bħala l-entità li tamministra l-artijiet tal-istat.

»L-ewwel qorti ma kellhiex talba speċifika biex tiddikjara liġi anti-kostituzzjonali u għalhekk, anke fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kienet korretta l-ewwel qorti fil-ġudizzju tagħha li tillibera lill-esponent mill-osservanza tal-ġudizzju.«

14. L-atturi wieġbu hekk:

»Parentesi żgħira qabel ma jiġi mwieġeb dan l-aggravju: imkien fir-rikors tal-appell tagħha l-Awtorità tal-Artijiet ma tgħid illi l-ewwel qorti żbaljat meta sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. Anzi, għal kuntrarju, jidher illi impliċitament l-Awtorita tal-Artijiet tammetti u taċċetta illi seħħet tali leżjoni, Però appellat għaliex skontha r-responsabbilità għandu jerfagħha l-Avukat tal-Istat.

»B'hekk naraw illi fl-ewwel aggravju tagħha l-Awtorità tal-Artijiet tgħid illi l-ewwel qorti żbaljat meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat dwar il-leġittimu kuntradittur u ċaħdet l-eċċezzjoni bin-numru ħdax tal-Awtorità tal-Artijiet. L-Awtorità tal-Artijiet targumenta illi hija ma tippromulgax liġijiet iżda trid tobdihom bħal ħaddiehor u fir-rigward tal-ilment tal-esponenti dwar il-kumpens kif ikkalkolat taħt l-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid illi hija ma set-għetx tikkalkula l-kumpens mod ieħor għaliex altrimenti tkun qiegħda tagixxi *ultra vires*. Fi flit kliem, l-Awtorità tal-Artijiet ma taqbilx illi l-Avukat tal-Istat ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tgħid illi kienet hija illi kellha tiġi dikjarata illi mhijiex leġittima kuntradittriċi kif eċċepiet fl-eċċezzjoni bin-numru ħdax.

»Quddiem l-ewwel qorti l-esponenti spjegaw fid-dettall, bi provi u b'sottomissjonijiet, in-natura tal-ilment tagħhom. Spjegaw ukoll illi huma qegħdin jattakkaw bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom mhux biss l-aġir tal-Awtorita tal-Artijiet (ossija l-predeċessur tagħha, il-Kummissarju tal-Artijiet) iżda anke l-liġi nnifisha jew aħjar l-operat tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-esponenti jaqblu illi l-Avukat tal-Istat ma kellux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dwar dan ser iressqu l-appell inċidentali tagħhom. Biss però ma jistgħux jaqblu mal-pozizzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet illi tipprova teżonera lilha nnifisha kompletament mir-responsabilità bil-pretest illi jrid jerfa' r-responsabilità l-Avukat tal-Istat. … … …

»… … …

»… … … Iż-żewġ intimati għandhom għalxiex iwieġbu u għalhekk, fil-waqt li l-esponenti jaqblu li l-Avukat tal-Istat ma kellux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dwar dan ser iqajmu huma stess aggravju fl-appell inċidentali tagħhom, dan ma jfissirx illi l-Awtorità tal-Artijiet għandha jew kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju jew eżonerata mir-responsabbilità. Kif espost quddiem l-ewwel qorti … … … l-Awtorità tal-Artijiet għandha twieġeb għall-għemil tagħha wkoll. Anke għal finijiet ta' rimedju, ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti għandu ċertament jiġi applikat fil-konfront tal-Awtorità tal-Artijiet u mogħti minnha in kwantu jirrigwarda l-kumpens għax-xiri b'titolu assolut tal-proprjetà mertu tal-vertenza u għal dawk l-aspetti tal-leżjoni dovuti għall-aġir tal-Awtorità tal-Artijiet. … … …

> »L-Awtorità tal-Artijiet għalhekk ma tistax tippretendi u titlob illi tiġi meħlusa mill-ġudizzju kif qiegħda tagħmel fl-appell ippreżentat minnha u minn din l-ottika l-ewwel aggravju tagħha u l-ewwel talba kontenuta fir-rikors tal-appell tagħha ma jistgħux jiġu milqugħa. … … …«

15. Dan l-aggravju tal-awtorità huwa tajjeb u għandu jintlaqa' safejn irid li titħassar id-deċiżjoni li l-Avukat tal-Istat ma huwiex kontradittur leġittimu. Biex setgħet tordna illi l-kumpens għat-teħid tad-dritt residwali tas-sidien jinħadem mhux kif irid l-art. 22(11) tal-Kap. 88 iżda kif stmat mill-perit maħtur minnha, l-ewwel qorti kellha "tiddisapplika" l-art. 22(11) u, biex setgħet tagħmel hekk, kellha impliċitament jekk mhux espressament tqisu bħal bi ksur tad-drittijiet fondamentali mħarsa b'liġi ġerarkikament ogħla. Li ma kienx hekk ma setgħetx tagħżel li ma tapplikax liġi li speċifikament tirregola l-materja.

16. L-ewwel qorti għalhekk għamlet ħażin li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Avukat tal-Istat. Ladarba laqgħet dik l-eċċezz-joni u ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju għamlet ħażin ukoll li kompliet tqis l-eċċezzjonijiet tiegħu, iżda dan ma għandux relevanza issa li l-Avukat tal-Istat reġa' ddaħħal fil-kawża.

17. Il-fatt iżda illi l-Avukat tal-Istat huwa kontradittur leġittimu ma jfissirx illi l-Awtorità tal-Artijiet ma hijiex hi wkoll kontradittriċi leġittima. Is-sentenza appellata ordnat mhux biss il-ħlas ta' kumpens pekunjarju u morali min-ħabba ksur ta' drittijiet iżda iddeċidiet ukoll dwar kemm għandu jkun il-kumpens għat-teħid tad-dritt residwali. Dan il-kumpens jitħallas mill-awto-rità u għalhekk l-awtorità għandha leġittimazzjoni passiva biex tikkontesta t-talba għall-ħlas ta' dak il-kumpens.

18. Il-qorti għalhekk tilqa' l-ewwel aggravju tal-awtorità fis-sens biss illi tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Avukat tal-Istat.

19. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet li jolqot il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti u ġie mfissser hekk:

> »It-Tieni Aggravju: L-awtorità appellanta ħassitha aggravata bil-kumpens likwidat mill-ewwel qorti
>
> »… … … l-ewwel qorti, apparti li llikwidat danni pekunjari u non-pekunjari minħabba l-ksur ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, ordnat ukoll lill-awtorità esponenti tħallas il-kumpens tal-valur tal-artijiet in kwistjoni skont il-valur tagħhom fis-sena 2012.
>
> »L-awtorità appellanta tirrileva li … … … hija kienet obbligata li timxi mal-liġi sabiex tistabbilixxi kumpens u ma setgħetx tiddetermina kumpens ieħor għajr dak li kien stipolat fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta (kien għalhekk fil-fatt li l-awtorità lanqas talbet li jinħatru periti perizjuri u dan *stante* li l-kumpens kien ben definit skont il-kapitalizzazzjoni tal-kera t'għarfien). Għalhekk huwa inġust li l-awtorità wara li mxiet mal-liġi tiġi obbligata tħallas kumpens ieħor għal akkwist b'xiri assolut meta l-liġi kienet tiddikjara b'mod ampjament ċar kif kellu jinħadem il-kumpens.
>
> »Il-liġi kienet tiddefinixxi b'mod ċar kif għandu jinħadem il-kumpens u għalhekk ma huwiex ġust li jiġi stabbilit kumpens differenti minn dan. Magħdud dan, jingħad ukoll li l-awtorità appellanta mhijiex qiegħda tikkontesta l-kumpens għall-allegat ksur ta' drittijiet fondamentali iżda però temmen li l-kumpens għax-xiri assolut tal-art u l-kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għandhom jibqgħu separati. Il-liġi kienet tistipola l-kumpens liem kumpens ma kienx suxxetibbli għall-kontestazzjoni u għalhekk l-awtorità kienet obbligata bil-liġi biex tapplika dan il-kumpens għall-każ in eżami; għaldaqstant ma kellux jiġi ordnat jitħallas kumpens differenti għall-akkwist tal-art minn dak stipolat mil-liġi. In sostenn ma' dan, jiġi sottomess illi *dato ma non concesso* anke jekk għall-grazzja tal-argument il-qorti ħasset li ma kellhiex tistabbilixxi kumpens *ai termini* tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u filfatt dan skartatu, il-qorti skartat ukoll il-fatt illi r-rikorrenti fil-mori tal-proċeduri ppreżentaw rapport peritali *ex parte* li fih kien hemm imniżżel il-kumpens ġust li qed jistennew ir-rikorrenti u minkejja li dan kien aktar minn dak li jistipola l-artikolu tal-liġi kien inqas minn dak li ordnat l-ewwel qorti. Għalhekk, l-awtorità tissolleva li *se mai* kellhom jiġu applikati dawk il-valuri u mhux valuri aktar għoljin minn dak li kienu qed jippretendu r-rikorrenti bħala kumpens ġust.
>
> »Għandu jiġi rrimarkat ukoll li minkejja l-Qorti Kostituzzjonali għandha diskrezzjoni wiesgħa ta tipi ta' rimedji li tista' tagħti, huwa prinċipju magħruf illi l-kumpens f'kawża ta' natura kostituzzjonali mhux ekwivalenti għal danni ċivili. … … …
>
> »*In vista* ta' dan kollu u konsegwentament, l-awtorità appellanta temmen li għaldaqstant l-ispejjeż tal-kawża wkoll kellhom jinqasmu bejn iż-żewġ intimati u dan *stante* li, filwaqt li l-Awtorità tal-Artijiet

kellha twieġeb għall-aġir tagħha, l-Avukat tal-Istat kellu jwieġeb għall-kumpens baxx minħabba l-liġi.«

20. L-atturi wieġbu hekk għal dan l-aggravju:

»Fit-tieni aggravju tagħha, l-Awtorità tal-Artijiet għal darb'oħra ma tilmentax mill-mertu tas-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti fl-4 ta' Ottubru 2022 in kwantu sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. Tilmenta mil-likwidazzjoni tal-kumpens illi għamlet l-ewwel qorti u targumenta illi semmai il-kumpens mogħti għax-xiri tal-proprjetà mertu tal-vertenza b'titolu assolut da parti tal-Awtorità tal-Artijiet kellu jkun dak kontemplat fl-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussidjarjament targumenta wkoll illi l-ewwel qorti ma kellhiex tistrieħ fuq il-valuri stabbiliti mill-perit rtekniku izda semmai kellha tistrieħ fuq il-valuri (iktar baxxi) li kienu gew stmati mill-perit inkarigat *ex parte* mill-esponenti.

»Dan l-aggravju huwa għal kollox infondat u mhux mistħoqq fiz-żewġ aspetti tiegħu. Il-punt tat-tluq huwa illi l-Awtorità tal-Artijiet mhijiex tik-kontesta illi l-esponenti tassew sofrew leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif deċiż mill-ewwel qorti. Dan tant huwa minnu illi mkien ma ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel qorti fl-4 ta' Ottubru 2022 in kwantu din iddikjarat espressament illi seħħet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. L-Awtorità tal-Artijiet qiegħda tilmenta minn parti mir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti u senjatament dik il-parti fejn f'paragrafu 5 tad-*decide* tas-sentenza appellata l-ewwel qorti ordnat li x-xiri assolut tal-proprjetajiet mertu tal-vertenza jsir bil-valur tas-sena 2012 ossija l-valur meta ħarġu d-dikjarazzjonijiet li l-proprjetajiet ser jiġu akkwistati b'titolu assolut.

»L-Awtorità tal-Artijiet ma tistax tippretendi illi għal tali xiri b'titolu assolut da parti tagħha jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(11) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi dak l-artikolu u l-operat tiegħu kienu qegħdin jiġu attakkati bħala lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. Fis-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel qorti ġie fil-fatt kristallizzat il-fatt illi l-operat ta' tali artikolu huwa leżiv għall-jeddijiet fundamentali tal-esponenti u minn dik il-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata ma ġie interpost l-ebda appell mill-Awtorità tal-Artijiet. Għalhekk ma tistax l-Awtorità tal-Artijiet tippretendi illi dina l-qorti għandha tapplika disposizzjonijiet illi l-operat tagħhom iwassal għal ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-esponenti. Għandu jingħad ukoll illi din ma kenitx l-ewwel darba illi l-istess disposizzjoni tal-liġi u l-operat tagħha nstabu li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem billi l-każ hawn fuq imsemmi deċiż bis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti fit-30 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet <u>Andrew Attard *et v.* Awtorità tal-Artijiet *et*</u> igħid ukoll hekk. Ma jagħmel assolutament l-ebda sens illi liġi li l-operat tagħha jikser il-jeddijiet fundamentali, dikjarata u rikonoxxuta bħala tali, tiġi applikata biex jiġi stabbilit kumpens meta lanqas qiegħed jiġi negat li seħħet vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti. … … …

»… … …

»Dwar l-argument tal-Awtorità tal-Artijiet fejn targumenta wkoll illi l-ewwel qorti ma kellhiex tistrieħ fuq il-valuri stabbiliti mill-perit tekniku izda semmai kellha tistrieħ fuq il-valuri (iktar baxxi) li kienu ġew stmati

> mill-perit inkarigat *ex parte* mill-esponenti jingħad illi anke dan l-argument huwa wieħed għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud. Jinstab ritenut fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-qrati ma jiskartawx faċilment l-opinjoni teknika tal-espert inkarigat minnhom. Dan l-insenjament japplika wkoll anke jekk ikun hemm perizja *ex parte* kuntrarja. . … … Il-fatt illi l-Awtorità tal-Artijiet ma talbitx il-ħatra ta' periti perizjuri skond il-liġi jfisser illi hija ma kkontestatx ir-relazzjoni teknika tal-perit tekniku maħtur mill-ewwel qorti u għalhekk l-argument illi issa qiegħda tagħmel illi l-ewwel qorti kellha semmai toqgħod fuq dak li rrelata l-perit inkarigat *ex parte* mill-esponenti ma jagħmel l-ebda sens ġuridiku. Għal dawn ir-raġunijiet anke t-tieni aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet għandu jiġi miċħud.«

21. L-aggravju jolqot biss il-kumpens għat-teħid tad-dritt residwali, u mhux ukoll il-kumpens għall-ksur tad-drittijiet tal-atturi. Igħidu sew l-atturi illi ma sarx appell mis-sejbien ta' ksur tad-drittijiet tagħhom, u dan xi ftit jew wisq ixekkel id-deċiżjoni li tista' tagħti din il-qorti f'dan l-appell. Dan qiegħed jingħad għax, fil-verità, jekk seħħ ksur tad-drittijiet tal-atturi, dan seħħ mhux meta ttieħed id-dritt residwali tagħhom fl-2012 – effettivament dritt li jirċievu mija u disgħa u tmenin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€189.41) fis-sena u xejn aktar, u li ma jistax jingħad li ma huwiex adegwatament kompensat b'rata ta' kapitalizzazzjoni ta' wieħed punt erbgħa fil-mija (1.4%) – iżda *se mai* fl-1964 meta ġie kalkolat il-kera ta' għarfien meta mqabbel mal-valur tad-drittijiet li kellhom fuq l-art dak iż-żmien. Ifisser ukoll illi l-ksur, jekk kien hemm, la jintlaqat bil-Kostituzzjoni, minħabba f'dak li jgħid l-art. 47(9), u lanqas bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] *ratione temporis*. Din il-qorti iżda ma tistax tgħid illi ma kienx hemm ksur, ladarba d-deċiżjoni li tgħid hekk ma sarx appell minnha. Li tista' tagħmel il-qorti hu illi tgħid meta seħħ il-ksur, u, ladarba l-ewwel qorti ma qisitx li kien hemm dekadenza *ratione temporis* u lanqas minn dik id-deċiżjoni ma sar appell, din il-qorti tgħid ukoll illi l-ksur seħħ fl-

1964 u mhux fl-2012. Għalhekk, il-valuri li fuqhom għandu jinħadem il-kumpens huma dawk tal-1964 u mhux tal-2012.

22. Sabiex tevita l-ispiża ta' perizja addizzjonali, il-qorti sejra tagħmel kalkolu tal-valur fuq il-bażi tal-indiċi ta' inflazzjoni pubblikat fl-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158][2]. L-indiċi għas-sena 1964 kien 172 u dak għall-2012 kien 791.02. Il-valuri tal-intier tal-proprjetàjiet fl-2012 (bla ma nqisu għalissa l-kwistjoni ta' kemm hu sehem l-atturi, meritu tal-appell inċidentali) għalhekk għandhom jonqsu għal $^{172}/_{791.02}$ tal-valuri indikati fis-sentenza, kif muri hawn taħt:

| | minn: | għal |
|---|---|---|
| i. il-fond 131: | € 180,000.00 | € 39,139.34 |
| ii. il-fond 132 u 133: | € 395,000.00 | € 85,889.11 |
| iii. il-fond 54: | € 200,000.00 | € 43,488.15 |
| B'kollox: | € 775,000.00 | € 168,516.60 |

23. Il-valur għall-intier b'kollox mela jinżel minn seba' mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€775,000) għal $^{172}/_{791.02}$ ta' dak il-valur, li jiġi mija u tmienja u sittin elf, ħames mija u sittax-il euro u sittin ċenteżmu (€168,516.60).

24. Il-qorti tgħid għalhekk illi l-kumpens għall-intier huwa ta' mija u tmienja u sittin elf, ħames mija u sittax-il euro u sittin ċenteżmu (€168,516.60). Sehem l-atturi minn dan il-kumpens għandu jitħallas mill-Awtorità tal-Artijiet waqt illi l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti għall-ksur tad-drittijiet fondamentali, billi dan seħħ minħabba f'dak li riedet il-liġi fl-art. 22(11) tal-Kap. 88, iħallsu l-Avukat tal-Istat, billi huwa dan u mhux l-awtorità konvenuta li jwieġeb għal nuqqasijiet fil-liġijiet.

2 Kien forsi jkun aktar xieraq l-indiċi tal-prezz tal-immobbli pubblikat mill-Bank Ċentrali ta' Malta, iżda dak l-indiċi jmur lura biss sal-1980.

25. F'dan is-sens sejjer jintlaqa' t-tieni aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet.

26. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-atturi. Fl-ewwel aggravju l-atturi jitolbu li l-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzojni passiva tal-Avukat tal-Istat. Ġà rajna[3] illi din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda u dan l-aggravju għalhekk ma hemmx għalfejn inqisuh aktar.

27. L-aggravji l-oħra, it-tieni u t-tielet wieħed, jolqtu l-ishma li għandhom l-atturi mill-proprjetà: l-atturi jgħidu li għandhom tnejn minn ħamsa ($^2/_5$) u l-ewwel qorti sabet li għandhom tnejn minn sitta ($^2/_6$). L-aggravji ġew imfissra hekk:

> »It-tieni aggravju huwa fis-sens illi l-ewwel qorti żbaljat meta irriteniet illi l-esponenti huma proprjetarji ta' żewġt ishma minn sitta ($^2/_6$) tal-proprjetajiet mertu tal-vertenza billi huma proprjetarji ta' żewġt ishma minn ħamsa ($^2/_5$) kif irriżulta ampjament mill-provi mressqa mill-esponenti liema provi ma ġew bl-ebda mod kontradetti.
>
> »Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni illi l-esponenti huma sidien ta' $^2/_6$ mill-proprjetà mertu tal-vertenza u mhux ta' $^2/_5$ mill-istess kif ippremettew u xehed George Sciortino. L-ewwel qorti osservat ukoll illi l-ishma pretiżi mill-esponenti ta' $^2/_5$ ma ġew ikkontestati minn ħadd mill-intimati u saħansitra kien hemm *payment voucher* illi toħroġ l-Awtorità tal-Artijiet illi juri s-sehem ta' $^2/_5$ iżda rriteniet illi dan kien ħażin.
>
> »Hawn *purtroppo* l-ewwel qorti inkorriet fi żball billi s-sehem tal-esponenti huwa ta' $^2/_5$. Minn qari tas-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti jidher illi hija waslet għal konklużjoni li s-sehem tal-esponenti għandu jkun ta' $^2/_6$ minn qari ħażin tad-denunzja ta' William Azzopardi annessa mal-*affidavit* ta' George Sciortino. L-ewwel qorti irriteniet dan illi ġej:
>
> > »"Il-qorti tinnota li x-xhud George Sciortino fix-xiehda tiegħu jin-dika li hemm ħames neputijiet iżda l-qorti tinnota li effettivament fid-dikjarazzjoni *causa mortis* hemm sitt fergħat fl-arblu tar-razza bis-sitt fergħa jkollha l-isem imnizzel ta' Carmelina Cassar (u kliem ieħor li mhuwiex leġġibbli)."
>
> »Kif jirriżulta minn tali denunzja u kif sewwa xehed George Sciortino f'dawn il-proċeduri, b'mod għal kollox mhux kontestat, William Azzo-pardi miet intestat nhar il-5 ta' Frar 1943. Kienu wirtuh in-neputijiet tiegħu Joseph M. Carabez, Emidio Carabez, Piu Carabez, Mary mizzewga Vella u Stella miżżewġa Hammet. L-ewwel qorti qalet illi hemm sitt (6) fergħat mhux ħamsa (5) iżda dan huwa l-effett ta' żball

---

3 Para. 18, *supra*

billi mhux minnu hemm sitt (6) fergħat izda hamsa (5) u dak illi rriskontrat l-ewwel qorti hija r-referenza għal ulied Emidio Carabez illi jidhru illi wirtu s-sehem ta' $^{1}/_{5}$ illi kien spettanti lilu mill-wirt ta' William Azzopardi. Ulied Emidio Carabez kienu Carmelina Cassar u ħutha Violet, Iris, Grace u Gerald Carabez. Dawn huma dawk in-nies illi jissemmew fuq id-denunzja bħala ulied Emidio Carabez. Isimhom mhuwiex daqstant illeġġibbli għall-esponenti li huma familjari tagħhom u jafu isimhom.

»… . …

»Għalhekk l-ewwel qorti kienet żbaljata meta rriteniet illi l-ishma tal-esponenti huma ta' $^{2}/_{6}$ billi l-ishma tagħhom huma ta' $^{2}/_{5}$ kif spjegat hawn fuq u f'dan ir-rigward jinħtieġ illi tiġi varjata s-sentenza appellata.

»It-tielet aggravju huwa konsegwenza tat-tieni fis-sens illi ladarba ssir il-modifika hawn fuq imsemmija fl-ishma tal-esponenti konsegwentement tinħtieġ modifika fil-kumpens likwidat f'paragrafu 5 (i) tad-*decide* tas-sentenza appellata u d-danni pekunjarji likwidati f'paragrafu 5 (ii) tad-*decide* tas-sentenza appellata billi tali kumpens gie mahdum a bazi ta' ishma ta' $^{2}/_{6}$ mhux ishma ta' $^{2}/_{5}$.

»F'paragrafu 5 (i) tad-*decide* tas-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti ġie deċiż illi l-Awtorità tal-Artijiet għandha tħallas lill-esponenti $^{2}/_{6}$ tal-valur tal-proprjetajiet mertu tal-vertenza fis-sena 2012 liema ammont jekwivali għal €258,333. Issa fil-verità sehem l-esponenti huwa ta' $^{2}/_{5}$ u għalhekk il-kumpens illi kellu jingħata lilhom huwa ta' tliet mija u għaxart elef euro (€310,000).

»F'paragrafu 5 (ii) tad-*decide* tas-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti ġie likwidat il-kumpens spettanti lill-esponenti bħala danni pekunjarji fl-ammont ta' €65,436 li jirrifletti l-kwota ta' $^{2}/_{6}$ bejniethom. Billi l-esponenti jippossjedu $^{2}/_{5}$ (mhux $^{2}/_{6}$) dan l-ammont likwidat mill-ewwel qorti għandu jiżdied għal tmienja u sebgħin elf ħames mija tlieta u għoxrin euro u għoxrin ċenteżmu (€78,523.20).

»F'dan is-sens ser tintalab modifika tas-sentenza appellata.«

28. Tassew illi l-alberu tar-razza[4] fid-denunzja tal-wirt ta' William Azzopardi xejn ma huwa magħmul sew, u ma tkunx ħaġa kbira likieku l-ewwel qorti fehmitu ħażin. Iżda jekk tassew l-ishma huma kif igħidu l-atturi, u n-neputijiet ta' William Azzopardi kienu ħamsa u mhux sitta, b'mod li kull wieħed u waħda minnhom – fosthom in-neputi Pio Carabez – wiret sehem minn ħamsa ($^{1}/_{5}$), mela kif fid-denunzja tal-wirt ta' Pio Carabez[5] jingħad illi kellu biss sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$)? L-ewwel qorti osservat illi dan isaħħaħ il-

---

[4] *Fol.* 96

[5] *Fol.* 103 *tergo*

fehma tagħha illi l-ishma nqasmu bejn sitta u mhux bejn ħamsa, u l-atturi ma jwiġbux għal dan il-kumment tal-ewwel qorti, li din il-qorti tqisu bħala validu.

29. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk ma ntwerewx raġunijiet biżżejjed biex din il-qorti tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, u l-aggravji huma għalhekk miċħuda. Sehem l-attur mill-kumpens għat-teħid tad-drittijiet residwali għalhekk jibqa' tnejn minn sitta ($^{2}/_{6}$) tal-valur likwidat fuq[6].

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata kif imfisser hawn taħt:

    i. tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazz-joni passiva tal-Avukat tal-Istat u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni;

    ii. tikkonfermaha fejn ma sabitx ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni u tikkonfermaha wkoll, billi ma sarx appell minn hekk, fejn sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll;

    iii. tikkonfermaha, billi ma sarx appell minn hekk, fejn illikwidat danni pekunjarji ta' ħamsa u sittin elf, erba' mija u sitta u tletin elf euro (€65,436) u danni mhux pekunjarji ta' għaxart elef euro (€10,000), iżda tħassarha fejn ordnat illi dawn id-danni jitħallsu mill-Awtorità tal-Artijiet u tordna, minflok, li jitħallsu mill-Avukat tal-Istat;

[6] Para. 23

iv. tħassarha fejn illikwidat sehem l-atturi mill-kumpens għat-teħid tad-drittijiet residwali fis-somma ta' mitejn u tmienja u ħamsin elf, tliet mija u tlieta u tletin euro (€258,333), u tiddikjara, minflok, li dak is-sehem huwa ta' tnejn minn sitta ($^{2}/_{6}$) ta' mija u tmienja u sittin elf, ħames mija u sittax-il euro u sittin ċenteżmu (€168,516.60), li jiġi sitta u ħamsin elf, mija u tnejn u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€56,172.20), iżda tikkonfermaha fejn ordnat illi dan il-kumpens jitħallas mill-Awtorità tal-Artijiet, flimkien mal-imgħaxijiet mill-5 ta' Jannar 2012 sa meta jsir il-ħlas;

v. tħassarha fejn ordnat illi l-ispejjeż tal-ewwel grad tħallashom l-Awtorità tal-Artijiet u tordna, minflok, illi dawk l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs (½) bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat.

31. L-ispejjeż tal-appell ewlieni tal-Awtorità tal-Artijiet jinqasmu hekk: sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsu l-Avukat tal-Istat u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-atturi jinqasmu hekk: sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsu l-Avukat tal-Istat u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom l-atturi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm